MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 417/1993/1

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan bhala Direttur f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` CSMR Trading Company Limited**

**v.**

**Joseph Apps f'isem u in rapprezentanza tas-Sea Malta Co. Limited u John Abela u l-Avukat Dottor Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcjarji in rappresentanza tal-istess socjeta` Sea Malta Company Limited u l-Kontrullur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ April, 1993 l-attur nomine ppremetta illi s-socjeta` J. Cachia Caruana Limited ordnat bhala l-Agenti ‘’Container’’ konsistenti f’gallettini; tali mportazzjoni kienet fuq il-vapur tas-Sea Malta M/V Pinto li telaq minn Marseilles fit-30 ta’ Mejju 1992; illi l-‘’Bill of Lading’’ originali, kopja ‘’Dok B,’’ kien intestat lis-socjeta` J. Cachia Caruana Limited ghaliex l-ordni tqieghdet minn din is-socjeta`, izda meta l-oggetti kienu ghadhom in transit intbaghtu istruzzjonijiet lis-socjeta` venditrici Lu SA, maghrufa bhala General Biscuits u BSN li l-merkanzija kellha tigi konsenjata lis-socjeta` CSMR Trading Company Limited, is-socjeta` attrici; illi effetivament is-socjeta` venditrici avzat lis-Sea Malta Co. Limited b’dan it-tibdil ta’ istruzzjonijiet, Dok ‘’D’’; illi minkejja tali avviz is-Sea Malta Co. Limited wiegbet lil tali socjeta` venditrici Franciza illi kellha xi “mpediment” mill-Kontrollur tad-Dwana u li konsegwentement ma setghetx temenda il-konsenjatur jew tirrilaxxja l-merkanzija, Dok “D”; illi in konsegwenza ta’ tali agir/ommissjoni tal-konvenuti jew min minnhom, is-socjeta` attrici spiccat biex giet impeduta milli tirtira tali merkanzija bil-konsegwenza illi l-Container baqa’ fuq il-moll tax-Xatt, anke matul ix-xhur tas-sajf u l-merkanzija kollha spiccat u s-socjeta` attrici sofriet danni ngenti, liema danni jigu ampjament ippruvati fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenuti gew inutilment interpellati jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni permezz ta’ Protest Gudizzjarju tas-16 ta’ Marzu 1993; dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara illi bl-agir u/jew bl-ommissjonijiet taghhom il-konvenuti jew min minnhom ikkawzaw danni lis-socjeta` attrici;

2. tillikwida d-danni hekk kkawzati lis-socjeta` attrici;
3. tikkundanna, solidalment jekk ikun il-kaz, lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` attrici id-danni hekk likwidati;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju tas-16 ta’ Marzu 1993;

B’nota pprezentata fil-11 ta’ Mejju, 1993 il-konvenut Kontrollur tad-Dwana ecepixxa:
“1. Preliminarjament, il-karenza ta’ fondament guridiku ghall-azzjoni stante li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu u is-socjeta` attrici.

“2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess huwa irrelevanti u fi kwalunkwe kaz mhux minnu li s-socjeta` ‘J. Cachia Caruana Limited’ ordnat il-merkanzija biss bhala agent tas-socjeta` attrici izda jidher car illi t-talba biex jigi girat il-‘Bill of Lading’’ saret in vista tal-hrug fl-4 ta’ Gunju 1992 tal-mandat ta’ sekwestru numru 1773/92, (Kummerc) kontra l-imsemmija socjeta` ‘J. Cachia Caruana Ltd’ kontrollata minn persuni ta’ l-istess familja li tikkontrolla s-socjeta` attrici u li permezz tieghu il-merkanzija in kwistjoni kienet diga’ giet issekwestrata u b’hekk ma setghetx tigi trasferita.

“3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-allegat trasferiment tal-merkanzija lis-socjeta` attrici minghand is-socjeta` ‘J. Cachia Caruana Limited’ kien affett minn nullita’ stante li kien simulat u sar biss bl-iskop illegali li jigi eluz ordni tal-Qorti.

“4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi d-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici huma se mai, rizultanti biss mill-fatt li hija naqset li tiehu azzjoni biex tirtira l-istess merkanzija fiz-zmien opportun.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

B’nota pprezentata fil-25 ta’ Mejju, 1993 is-socjeta` konvenuta Sea Malta eccepiet:

“Illi huwa ma jistax ikun responsabbli ghal l-ebda danni ghaliex ma ghamel xejn iehor hlief obda l-ordni tal-Qorti kontenut fis-sekwestru lilu notifikat.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju, 2006 billi, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine u dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet ta' fatti u konsiderazzjonijiet.

"**FATTI**

"Li gara f'dan il-kaz kien li s-socjeta` J.Cachia Caruana Limited  impurtat merkanzija minn barra, li ngarret mis-socjeta` konvenuta Sea Malta minn Marsilja.  Il-polza tal-kariku tal-container kontenenti dina l-merkanzija kienet fuq isem J.  Cachia Caruana Limited bhala konsennatarju.  Il-merkanzija waslet Malta fit-30 ta' Mejju 1992.  Fl-4 ta' Gunju 1992, waqt li l-container bil-merkanzija kien f'Laboratory Wharf jistenna l-import clearance mill-konvenut Kontrollur tad-Dwana, inhareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju mill-Kontrollur tad-Dwana kontra s-socjeta` J.  Cachia Caruana Limited ghal danni pretizi mill-istess Kontrollur fuq kaz iehor li kienet involuta fih is-socjeta` Cachia Caruana.  Is-socjeta` Sea Malta giet notifikata fl-4 ta' Gunju 1992 b'dan is-sekwestru u dina zammet il-merkanzija u ma rrilaxxjatiex.  Xi granet wara li s-socjeta` J.  Cachia Caruana Limited giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru, hi tat struzzjonijiet lis-socjeta` estera sabiex il-polza tal-kariku tigi girata favur konsennatarju iehor cjoe favur is-socjeta` attrici CSMR Trading Company Limited.  Fil-11 ta' Gunju 1992 is-socjeta` konvenuta Sea Malta giet mitluba minn barra biex temenda l-kopja taghha tal-polza tal-karigu f'dan is-sens, izda s- Sea Malta rrifjutat li taghmel dana, imbaghad fl-14 ta' April 1993 giet prezentata dina l-kawza mill-attur noe fejn talab id-danni.

"**KONTESTAZZJONI**

"L-attur noe qed jikkontendi li s-socjeta` Sea Malta kellha struzzjonijiet minn barra biex il-merkanzija li kienet in transitu tigi trasferita lill-konsennatarju iehor, u l-konvenuti jew min minnhom ma kienux intitolati li jagixxu kif ghamlu

u kellhom invece jikkonsenjaw il-merkanzija lill konsenatarju ndikat mill-socjeta` venditrici estera propretarja tal-merkanzija  cjoe lill CSMR Trading Company Limited.

“Il-konvenut kontrollur tad-Dwana jissottometi li l-allegat trasferiment tal-merkanzija hu rrilevanti ghall-hrug tal-mandat stante li meta s-Sea Malta kienet mgharrfa b’dan l-allegat trasferiment, il-merkanzija kienet diga maqbuda bil-mandat u kienu ghaddew madwar sebat ijiem minn meta kien gie ezegwit il-mandat fuqha u li kull ma riedet taghmel is-socjeta attrici kien li tevadi l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru fuq il-kumpanija J.  Cachia Caruana Ltd.

“Is-socjeta` Sea Malta tirritjeni li hi mhiex responsabbili ghal ebda danni ghax kull ma ghamlet kien li obdiet l-ordni tal-Qorti u ma kelliex ghalfejn toqghod tindaga ta’ min kienet il-merkanzija.

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“<u>Proprjetarju tal-merkanzija</u>

“Is-socjeta` J.  Cachia Caruana Limited qed tissottometti li hija kienet importat il-container in kwistjoni biss bhala agent tas-socjeta LU S.A.  u ma kienitx il-propretarja tal-merkanzija.  Is-socjeta` estera ( u mhux J .Cachia Caruana Ltd) kienet infurmat lis-socjeta` konvenuta Sea Malta li kellu jinbidel il-konsenatarju u dana qabel ma l-konsenja kienet giet mghoddija lil xi konsennatarju f’Malta, jigifieri, skond l-attur noe, li meta l-merkanzija kienet ghadha in transit u kienet ghadha proprejta tas-socjeta` estera, hi setghet tiggiraha kif trid.

“Illi jirrizulta mill-provi prodotti  u senjatament mid-dokumenti ezibti li meta inhareg  is-sekwestru (ara fol 84) s-socjeta` J.  Cachia Caruana Limited kienet indikata fuq il-polza tal-kariku u fuq il-manifest bhala il-konsennatarju tal-merkanzija in kwistjoni (ara  fol 51 Polza tal-Kariku u fol 62 Manifest).  Dina l-polza tal-karigu kienet inharget fuq ordni tas-socjeta` J.  Cachia Caruana Limited, u la darba l-merkanzija harget f’isem is-socjeta` J.  Cachia

Caruana Limited din issir il-proprjeta' taghha ghaliex il-polza giet girata favur taghha. Il-konsennatarju huwa s-sid tal-merkanzija jew ghandu l-interess fiha u sakemm il-polza ma tigix validament girata, il-merkanzija tista tingabar biss mill-konsennatarju, f'dan il-kaz J. Cachia Caruana Limited. Il-Bill of Lading huma "a document of title with negotiable characteristics and it is a receipt of goods shipped on board a named carrying vessel" (ara fol 192 Hill 'Maritime Law'). Is-socjeta` attrici ma gabitx prova li turi l-kuntrarju ta' dak li kien manifest fid-dokument tal-kariku jew li l-merkanzija baqghet tas-socjeta` estera. Kieku verament il-merkanzija kienet u baqghet tas-socjeta` estera kien ikun fl-interess taghha u mhux ta' l-attur noe jew tas-socjeta` Cachia Caruana li titlob id-danni jew li tikkontesta u titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru. Haga li nvece saret minn CSMR Trading Ltd.

"<u>Talba ghal bdil tal-konsennatarju wara l-hrug tas-sekwestru.</u>

"L-attur nomine qed jissottometti inoltre li l-polza ta' kariku tista tigi trasferita lill haddiehor u ma hemm xejn x'izomm milli l-merkanzija tigi negozjata meta tkun in transitu qabel tigi mahruga mid-dwana u konsenjata lix-xerrej.

"Illi huwa stabilit fil-gurisprudenza li jekk il-girata tal-polza tal-karigu fuq terz issir qabel ma jinhareg is-sekwestru, allura dak il-mandat m'ghandux effett kontra l-pussessur tal-polza u l-merkanzija ma tistax tinqabad ghax ma tibqax izjed tas-sekwestrat (ara sentenzi Pace vs Schembri Vol 20 p3 p3 u Mizzi vs Tabone Vol L1 p 1 p 554). Izda mhux l-istess japplika fil-kaz li l-girata tipprova ssir wara li jinhareg il-mandat u l-oggetti jkunu maqbuda, kif gara fil-kaz in ezami.

"Gie stabilit li l-merkanzija kienet issejjah lill J. Cachia Caruana Limited, kif deher fil-polza tal-kariku u l-manifest. Irrizulta mill-provi li l-mandat ta' sekwestru hareg u gie notifikat lill-partijiet hafna qabel ma saret it-talba mis-socjeta` J. Cachia Caruana Limited lis-socjeta` estera biex tibdel il-konsennatarju. Illi l-merkanzija waslet Malta fit 30 ta' Mejju 1992, u fl-istess gurnata il-manifesti gew

ipprezentati lill Kontrollur tad-Dwana. Fl-4 ta' Gunju 1992 il-Kontrollur tad-Dwana hareg il-mandat ta' sekwestru li gie notifikat fl-istess gurnata lill-partijiet. Fil-11 ta' Gunju 1992 saret it-talba biex jinbidel il-konsennatarju (ara Dok AB1 u 2 a fol 96/97).

"Joseph Bugeja xehed li "Billi konna diga ssottomettejna l-manifest lill-Kontrollur tad-Dwana fit-30 ta' Mejju ma stajniex naccettaw li nbiddlu t-title tal-merkanzija biex taqra differenti minn dik li kienet originali" (ara fol 55).

"L-attur noe kien jaf li merkanzija kienet waslet Malta u kienet giet sekwestrata. Hu kien mar jitlob lis-Sea Malta ghal merkanzija (fol 44). Dan ikkonfermah Joseph Bugeja meta qal li "ir-ricevitur beda jigi biex nibdillu l-isem tad-delivery order" (ara fol 56).

"L-attur noe kkonferma (ara fol 118/119 ) li "Meta ghamilna dina t-talba biex jinbidel l-isem tal-consignee, is-sekwestru konna diga rcevejnieh". It-talba biex tigi girata l-polza tal-karigu saret tnax il-gurnata wara li kien wasal il-vapur li gar il-merkanzija u sebat ijiem wara n-notifika tas-sekwestru lis-socjeta` J. Cachia Caruana Limited.

"L-iskop tas-sekwestru hu proprjament biex jigi evitat li hwejjeg tad-debitur sekwestrat jinhargu mill-patrimonju tad-debitur u mghoddija lill terzi u skapitu tal-kreditur u ezattament dan kien dak li pprova jaghmel l-attur noe.

"<u>J Cachia Caruana Limited u CSMR</u>

"L-attur qed jipprova jghid li s-socjeta` attrici CSMR Trading Company Limited hija entita' ghal kollox separata mis-socjeta` J. Cachia Caruana Limited u ghalhekk m'ghandiex issofri danni minhabba sitwazzjoni li hija kienet ghal kollox estraneja ghaliha.

"Illi fil-fatt jirrizulta mid-dokumenti ezibiti li l-attur Carmelo Ellul Sullivan hu direttur kemm tas-socjeta` CSMR Trading Co. Ltd kif ukoll ta' J. Cachia Caruana Ltd u hu kellu s-

setgha li jiffirma u jorbot iz- zewg kumpaniji (ara Dok LB1 u 2 a fol 110).

“Illi rrizulta ukoll li minhabba li s-socjeta` J. Cachia Caruana Ltd kellha problemi mad-Dwana u ma setghetx tinnegozja hija bdiet topera tramite s-socjeta` CSMR imbaghad bis- CSMR 1994. Kien proprju meta giet sekwestrata merkanzija tas-socjeta` J. Cachia Caruana Ltd li taghha l-attur noe kien controlling shareholder li ddecieda li jibda jrawwem lit-tifel tieghu fin-negozju fil-kumpanija l-ohra tieghu stess CSMR biex tkun il-konsenatarju l-gdid fuq il-polza tal-karigu in kwistjoni.

“Irrizulta ukoll li dina kienet l-ewwel u l-unika okkazzjoni (ara fol 107) li kien ser isir trasferiment jew girata tal-polza ta’ karigu mis-socjeta` J. Cachia Caruana Limited lil haddiehor. Dan jikkontradici dak li qal qabel l-attur noe (ara fol 107) fis-sens li J. Cachia Caruana kienet agent tas-socjeta` estera u kienu jittrasferixxu x-xoghol lill min iridu (fol 107).

“L-attur nomine ma gab ebda prova li l-merkanzija kienet inxtrat minn CSMR. Mix-xhieda tal-accountant u l-awditur ta’ dawn iz-zewg kumpaniji li jappartjenu lill istess familji jirrizulta li ma kien ebda transaction f’dan is-sens. Ma hemm ebda prova li kienu ghaddew xi flus meta CSMR suppost li xtrat il-merkanzija minghand Cachia Caruana. Anzi l-attur noe jixhed li wara kien waqa kollox, ma sarx id-deal fuq il-container u l-pagament ma sarx (ara fol 109).

“L-accountant L. Farrugia xehed li minn 1992 ma kienx hemm transazzjonijiet bejn Cachia Caruana u CSMR (ara fol 138). Jirrizulta ukoll li lanqas hemm audited accounts ghal sena 1992 ta’ J. Cachia Caruana (ara fol 307B) li bihom l-attur noe setgha gab prova li kien sar xi negozju ma CSMR.

“Fl-ahharnett ta’ min jirrileva li l-indirizz tal-konsennatarju l-gdid CSMR giet indikat bhala l-istess wiehed fejn kienet topera is-socjeta` J. Cachia Caruana Ltd, u dana ghalkemm l-attur noe jghid li CSMR kellha l-indirizz taghha l-Imsida (ara fol 106).

"**Konkluzzjoni**

"Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li t-talba ta' l-attur noe ghad-dikjarazzjoni li l-konvenuti kkawzawlu danni ma tistax tigi milqugha billi t-talba tieghu ghat-trasferiment tal-merkanzija fuq il-kumpanija tieghu J. Cachia Caruana Limited ghal CSMR Trading Ltd kumpanija tieghu stess u tat-tfal tieghu kienet biss intiza biex jigu eluzi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru fuq il-kumpanija J. Cachia Caruana Ltd.

"Konsegwentement il-konvenuti Sea Malta ghandhom jigu liberati billi huma kienu qed jobdu ordni tal-Qorti. u meta giet sekwestrata l-merkanzija f'idejha hija kellha dokumentazzjoni ufficjali li kienet turi li l-merkanzija kienet issejjah lis-socjeta` J. Cachia Caruana Ltd u ma kienitx obbligata li toqghod tindaga jekk kienx hemm xi terz li kellu interess f'dina l-merkanzija u l-polza."

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fil-15 ta' Gunju, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza imsemmija billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti tulqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited ipprezentat risposta fis-7 ta' Lulju, 2006 fejn sostniet li s-sentenza appellata hija gusta, ekwa u legali u timmerita li tigi konfermata u konsegwentement l-appell tas-socjeta` attrici ghandu jigi michud.

Il-Kontrollur tad-Dwana pprezenta risposta fis-26 ta'Lulju, 2006 fejn ukoll, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab li l-appell tas-socjeta` attrici jigi michud u dana billi l-motivi ta' gravam avvanzati fir-rikors tal-appell huma infondati.

**L-aggravji tas-socjeta` attrici appellanti.**

Is-socjeta` attrici appellanti ressqet tlett aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn jistghu jigu sintetizzati hekk:

a) Illi l-ewwel Qorti interpretat malament il-kuntest tal-fatti u l-principji legali applikabbli;

b) Illi l-ewwel Qorti erroneament attribwit malafede lill-attrici;

c) Illi l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-principju u l-fatt illi xi parti triq twiegeb ghad-danni kkawzati.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri s-socjeta` CSMR Trading Company Limited qed tilmenta li hija sofriet danni bhala rizultat ta' xi agir jew ommissjoni da parti tal-konvenuti jew min minnhom. Hi tallega li dawn id-danni gew ikkawzati minhabba li *container* gallettini, li kien gie importat Malta fuq rikjesta tas-socjeta` J. Cachia Caruana Limited, gie sekwestrat mill-konvenut Kontrollur tad-Dwana f'idejn is-socjeta` Sea Malta minhabba pretensjoni li dan kellu kontra s-socjeta` importatrici. Effettivament dan il-*container* ma giex ikkonsenjata lis-socjeta` CSMR minkejja li kienu saru arrangjament biex il-Bill of Lading jigi girat favur taghha.

Is-socjeta` attrici appellanti tibda biex tghid li l-proprjeta` tal-merkanzija importata ma tghaddix qabel ma jsir il-pagament lid-ditta esportatrici u li konsegwentement, u billi ma kienx ghadu sar dan il-hlas meta gie ezegwit il-mandat ta' sekwestru, il-Bill of Lading setghet tigi iggirata favur taghha. Jekk dan huwa l-kaz din il-Qorti tosserva li l-*container* bil-merkanzija in kwistjoni fil-mument li gie ezegwit il-mandat ta' sekwestru kien proprjament ghadu jsejjah lis-socjeta` esportatrici LU SA, f'liema kaz kienet tkun din is-socjeta` li kellha interess guridiku biex tipprocedi ghar-rilaxx tal-istess merkanzija u eventwalment ghad-danni, u mhux is-socjeta` attrici. Biss jirrizulta li d-destinatarju tal-merkanzija kienet is-socjeta` J. Cachia Caruna Limited u bhala tali din is-socjeta` kellha kull dritt li tiehu kunsinna u pussess tal-merkanzija u ghalhekk il-mandat ta' sekwestru inhareg korrettament billi meta gie ezegwit l-istess merkanzija kienet ghadha

ssejjah lil din is-socjeta` u s-socjeta` Sea Malta Company Limited kienet obbligata li ma taghmilx il-kunsinna in forza tal-ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` appellanti qed tilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti sabet li kien hemm mala fede u dana billi l-gira tal-Bill of Lading minn fuq is-socjeta` J. Cachia Caruana ghal fuq is-socjeta` CSMR kienet intiza biex jigu eluzi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru. F'dan ir-rigward is-socjeta` appellanti tosserva li gialadarba l-fatt li z-zewg socjetajiet jappartjenu lill-membri tal-istess familja huwa facilment accertabbli, dan jindika li jonqos l-element tal-malafede. Biss x'kien jew ma kienx facilment accertabbli huwa assolutament irrilevanti ghall-kwistjoni ta' malafede. L-intenzjoni wara l-gira kienet wahda cara u cioe` biex jigi eluz l-effett tal-mandat li in forza tieghu kienet inqabdet il-merkanzija *de quo* u dan billi kien qed isir tentattiv biex dik il-merkanzija ma tibqax issejjah lis-socjeta` li allegatment kienet debitrici tal-Kontrollur tad-Dwana billi tigi intestata favur socjeta` ohra li, ghalkemm ghandha personalita` guridika distinta mis-socjeta` debitrici, kienet dejjem tappartjeni lill-istess membri tal-familja sidien tas-socjeta` importatrici.

**Ikkunsidrat:**

Finalment is-socjeta` appellanti ssostni li s-socjeta` Sea Malta ghandha taghmel tajjeb ghad-danni billi naqset li tiehu hsieb il-merkanzija li giet issekwestrata f'idejha. Issa apparti l-fatt li, kif sewwa osservat is-socjeta` Sea Malta, dan l-ilment seta biss jigi mressaq mis-socjeta` li kontra taghha inhareg il-mandat u cioe` J. Cachia Caruana Limited u dana billi fil-mument tal-ezekuzzjoni tal-istess mandat ir-relazzjoni guridika kienet biss bejn din is-socjeta` u l-istess Sea Malta, mentri s-socjeta` CSMR ma kinitx tiffigura b'ebda mod, jigi rilevat li a tenur ta' l-Artikolu 842 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess socjeta` importatrici kellha kull dritt li titlob, permezz ta' rikors, li l-Qorti "*taghti kull provvediment li jkun jidhrilha mehtieg sabiex il-hwejjeg deskritti ma jithassrux jew ma jitgharrqux*

*jew ma tigrilhomx hsara ohra.*" Jidher li la s-socjeta` J. Cachia Caruana u l-anqas s-socjeta` appellanti ma indenjaw ruhhom li jipprocedu b'dan il-mod.

Fl-ahharnett fir-rigward ta' dak li qed jinghad fil-konfront tal-proceduri istitwiti mill-Kontrollur tad-Dwana kontra s-socjeta` J.  Cachia Caruana Limited u cioe` li dawn thallew imorru deserti u ghalhekk il-pretensjoni li ressaq l-istess Kontrollur biex talab il-hrug tal-mandat ma kinitx aktar ezistenti, jigi rilevat li b'sentenza fi proceduri kriminali fuq l-istess pretensjoni indikata fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru, l-istess socjeta` J.  Cachia Caruana, kif rapprezentata minn Carmelo Ellul Sullivan, giet kundannata, anke in linja ta' danni civili, f'ammont eccedenti dak indikat fl-istess sekwestru.

Ghar-ragunijiet moghtija l-appell tas-socjeta` CSMR Trading Company Limited qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha bl-ispejjez ta' dan l-appell ghas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------